**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 31 ta' Mejju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Godwin Scerri**

**Vs**

**John Mary Vella**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra John Mary Vella ta' 58 sena iben Joseph u Pauline nee Sciberras, imwieled il-Mosta nhar l-10 ta' Settembru 1958, u residenti 53, Triq Carmelo Schembri, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 615558(M);

Talli f'Ottubru tal-2013 u fil-granet ta' qabel, minn Triq Massimiliano Kolbe f'San Pawil il-Bahar, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmien differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi  u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1) Bhala l-persuna responsabbli tal-fond "Morning Mist Flats", b'mezzi qarrieqa u li bihom seta' kellu l-uzu jew il-konsum ilegittimu ta' san il-kurrent elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u l-valur;

2) Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-imsemmi John Mary Vella bhala recidiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li deher rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta, li ddikjara li l-imputat kien hallas is-somma dovuta minnu, u ghalhekk giet presentata nota ta' rinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Rat li l-Prosekuzzjoni irtirat l-akkuzi kontra l-imputat.

**Ikkunsidrat;**

Din il-Qorti qieghda tara illi l-Prsekuzzjoni qieghda tirtira l-akkuzi u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara l-kawza irtirata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**